

din id-direttiva u l-fatt li tali tqegħid għad-dispożizzjoni jitqies, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-taxxa fuq id-dħul, bħala vantaġġ in natura li tirriżulta mill-implementazzjoni mill-benefiċjarji tagħha tal-funzjoni statutorja tagħhom jew tal-kuntratt ta' impieg tagħhom ma jistax ikollu effett f'dan ir-rigward.

- (2) Il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 13B(b) tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata bid-Direttiva 95/7, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, iċ-ċirkustanza li tt-qegħid tal-proprietà immobbbli kollha jew parti minnha, li hija kompletament assenjata lill-impriżza, għad-dispożizzjoni tad-diretturi, tal-amministraturi jew tal-imsieħba tagħha għandha jew ma għandhiex rabta diretta mal-użu tal-impriżza hija irrelevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk dan it-taqgħid għad-dispożizzjoni jaqax taħt l-eżenzjoni prevista fit-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 16.07.2011

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Lulju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka

(Kawża C-261/11) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Libertà ta' stabbiliment — Artikolu 49 TFUE — Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni fiskali — Trasferiment tal-attiv lejn Stat Membru ieħor — Intaxxar immedjat tal-qligħ kapitali moħbi)

(2013/C 260/07)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u N. Fenger, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. Vang u V. Pasternak Jørgensen, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: K. Petersen u M. T. Henze, aġenti), Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: A. Rubio González, aġent), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. Schillemans u C. Wissels kif ukoll M. J. Langer, aġenti), Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentant: L. Inez Fernandes, aġent), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: M. Pere, aġent), Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: A. Falk u U. Persson, aġenti)

#### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 49 TFUE u tal-Artikolu 31 ŻEE — Dispożizzjonijiet fiskali li jipprovdū għal intaxxar immedjat fuq il-ħruġ fir-rigward ta' kumpanniji li

jittrasferixxu l-attiv tagħhom lejn Stat Membru ieħor, iżda li ma jipprovdū intaxxar ekwiparabbli fuq it-trasferimenti ta' attiv ġewwa t-territorju nazzjonali

#### Dispożittiv

- (1) Billi adotta u żamm fis-seħħi l-Artikolu 8(4) tal-Liġi fuq l-intaxxar ta' kumpanniji b'azzjonijiet et (lovbekendtgørelse nr. 1376 om indkomstbeskriftning af aktieselskaber m.v.), tas-7 ta' Diċembru 2010, dwar l-intaxxar immedjat tad-ħul ta' kumpanniji b'azzjonijiet u, għalda qstant, sistema fiskali li tipprevedi l-intaxxar immedjat tal-qligħ kapitali moħbi marbut ma' trasferimenti ta' attiv, imwettaq minn kumpannija stabbilita fid-Danimarka, lejn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew lejn Stat terz parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligli tiegħi taħt l-Artikoli 49 TFUE u 31 ta' dan il-ftehim.

(2) Ir-Renju tad-Danimarka huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 238, 13.08.2011.

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Lulju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-313/11) <sup>(1)</sup>

("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 1829/2003 — Għalf — Ikel immodifikat ġenetiċkament — Produzzjoni, tqiegħid fis-suq jew użu — Projbizzjoni nazzjonali li għadha ma daħlitx fis-seħħi")

(2013/C 260/08)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Bianchi u A. Szmytkowska, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: M. Szpunar, aġent)

#### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 16(5), 19, 20 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar ikel u għalf modifikat ġenetiċkament (ĠU L 268, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipproċċixxi l-manifattura, it-taqgħid fis-suq u l-użu ta' ikel għall-annimali immodifikati ġenetiċkament